MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Appell Civili Numru. 12/2006

**Doreen Anastasi**

**vs**

**Gaming Operations Limited**
**Casino di Bingo**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta' Lulju, 2006 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza *in parte* fl-ismijiet premessi:-

> **"**Illi l-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' ittra lir-Registratur tal-Qrati Superjuri fit-3 ta' Ottubru 2005, fi zmien korrett ta' erba' xhur (4) minn meta l-appellanta sfat imkeccija fl-20 ta' Lulju 2005.
>
> Aktar tard bejn l-ewwel u t-tieni seduta saret oggezzjoni li l-okkju kien errat, u kkorregut kien

jaqra Gaming Operations Limited, Casino di Bingo.

Fl-ahhar seduta nhar l-Erbgha 21 ta' Gunju 2006 Dr Tufigno ghas-socjeta` irretena li ai termini tal-Ligi, il-kaz kien skadut billi qabez l-erba' (4) xhur.

It-Tribunal stharreg sewwa l-oggezzjoni tas-socjeta` u jsib li bejn l-ewwel seduta u t-tielet kien hemm zviluppi li rrendew lit-Tribunal jibghat lis-socjeta` intimata l-istatement of case ta' l-appellanta, wara li l-Konsulent tas-socjeta` naqas li jattendi ghat-tieni seduta. Huwa veru li l-minuti tas-seduta jghidu li t-Tribunal gie nfurmat bil-korrezzjoni ta' l-okkju izda din ghandha titqies bhala korrezzjoni accettabbli ghall-finijiet tal-Ligi u ma titqiesx fis-sens ristrett. Tkun ingustizzja jekk it-Tribunal kellu jiddeciedi li jannulla l-kaz ghal din ir-raguni meta l-iskop tal-Ligi primarjament hu dak li japplika l-gustizzja naturali u ma jinqedix b' xi punt tekniku u ferm dibattibbli dwar it-termini; li l-iskop primarju tieghu hu li ma jsirux talbiet ghal intervent ta' l-arbitragg wara certu zmien. F' dan il-kaz jidher li l-kaz odjern jissodisfa bazikament u ghalhekk dan il-kriterju jirrendi t-talba li l-kaz jigi dikjarat skadut inaccettabbli.**"**

Minn din is-sentenza parzjali tat-Tribunal Industrijali appellat is-socjeta` Gaming Operations Limited li talbet ir-revoka taghha ghal motiv illi l-bdil ta' l-isem tas-socjeta` originarjament imharrka holoq procedura gdida u dan kellu jissarraf fl-akkoljiment ta' l-eccezzjoni tagha ta' l-improponibilita` tal-procedura ghal fatt tad-dekorrenza taz-zmien utli ta' erba' xhur ghal proponiment tal-kwestjoni tax-xoghol *de quo*;

L-antecedenti saljenti li wasslu ghal dan l-appell huma, brevement, dawn:-

(1) L-appellata pprocediet bl-impunjattiva taghha kontra l-ordni ta’ licenzjament mill-impjieg *di fronte* ghas-socjeta` Pinnacle Gaming Group Limited;

(2) Mill-verbal ta’ l-udjenza tal-11 ta’ Jannar 2006 sar bdil ta’ isem il-kumpanija imsemmija ghal dak tas-socjeta` appellanti;

(3) Fit-18 ta’ Jannar 2006 fuq ordni tat-Tribunal, l-i*statement of case* ta’ l-appellata gie servut lil kumpanija appellanti, li minn naha taghha opponiet li ma saret ebda korrezzjoni awtorizzata u li f’ kull kaz n-notifikazzjoni lilha ta’ l-att ma sarx zmien erba’ xhur skond it-termini ta’ l-Artikolu 75 (3) tal-Kapitolu 452;

(4) Bis-sentenza tieghu tad-19 ta’ Lulju 2006 (kopja a fol. 47) it-Tribunal cahad id-difizi procedurali tas-socjeta` appellanti u, filwaqt li kkjarifika illi dak li sar kien jammonta ghall-korrezzjoni ta’ l-okkju tal-kawza, ghadda biex skarta d-dekadenza ta’ l-azzjoni lilu sottomessa;

(5) Dakinhar stess tad-decizjoni s-socjeta` rikorrenti avzat lit-Tribunal li kien behsiebha tappella minnha;

Bl-ewwel osservazzjoni, din il-Qorti trid tirregistra illi, hi sodisfatta bl-ispjegazzjoni moghtija mit-Tribunal fis-sentenza appellata illi dak il-verbal precedenti tieghu tal-11 ta’ Jannar 2006, nonostante, forsi, ir-redazzjoni infelici tieghu, kellu jinftiehem fis-sens illi hu kien awtorizza l-korrezzjoni rikjesta fl-isem tas-socjeta` appellanti. Anke jekk mhux espress fis-sentenza, dik il-korrezzjoni kienet certament funzjonali ghall-eliminazzjoni ta’ l-izball fl-isem ghax tali ma kienetx tincidi fuq il-kontenut sostanzjali tal-mertu tat-talba. Korrezzjoni din li fit-termini aktar wiesgha wara l-emendi apportati lill-Artikolu 175 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV ta’ l-1995 kienet “tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta’ wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalita` li fiha jidhru.” Indubbjament, tali korrezzjoni fit-termini ta’ l-artikolu citat tal-Kapitolu 12, setghet issir mit-Tribunal in kwantu hu l-istess Kapitolu 452 li fl-Artikolu 77 (1) tieghu jivvestih bil-poteri kollha li ghandha l-Prim' Awla tal-Qorti Civili;

Ferma din l-osservazzjoni tar-risanament bil-korrezzjoni opportuna tal-persuna *vocatio in ius*, din il-Qorti lanqas ma taqbel mas-sottomissjoni tas-socjeta` appellanti illi l-kawza kienet improponibbli jew inammissibbli ghal fatt tal-gheluq tat-terminu statutorju ta' erba xhur sancit fl-Artikolu 75 (3) tal-Kapitolu 452;

In normattiva in kwestjoni ghandha l-iskop li tattribwixxi lill-impjegat rimedju illi fi zmien prefiss ta' erba' xhur mid-data ta' l-allegata tkeccija ingusta jgib 'il quddiem il-kaz tieghu permezz ta' dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawza. Xejn inqas u xejn aktar. Certament, ma jfisserx ukoll illi n-notifikazzjoni tal-kawza lil kontroparti ghandha ssir f' dan l-istess zmien preskritt;

Hu accettat mis-socjeta` appellanti illi l-kawza prezenti quddiem it-Tribunal saret fiz-zmien utli in kwantu din giet intavolata fit-3 ta' Settembru (*recte,* Ottubru) 2005 mentri t-tkeccija avverat fis-16 ta' Lulju 2005. Hi targumenta pero` illi l-korrezzjoni awtorizzata (11 ta' Jannar 2006) gabet maghha l-inkomincjament ta' proceduri godda kontriha, u la kienu ghaddew l-erba' xhur, tali procediment kien improponibbli. Bir-rispett kollu, tali argoment hu wiehed fallaci. Il-korrezzjoni ma ikkrejatx inezistenza guridika ta' l-att introduttiv tal-gudizzju jew is-sostituzzjoni tieghu bi procedura *ex novo,* imma serviet biex telimina l-indikazzjoni errata tal-parti fil-kontradittorju u konsegwentement ghal fini tac-certezza tas-suggett azzjonat. B' hekk, logikament, il-procedura inizzjata ma nbiddletx f' wahda gdida u jkollu jinghad b' konsegwenza illi l-appellata ma naqsetx dwarha milli tirrispetta t-terminu ffissat mil-ligi. Ghamel sewwa ghalhekk it-Tribunal li cahad l-eccezzjoni opposta mis-socjeta` appellanti.

Ghal motivi suesposti l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez kontra s-socjeta`

appellanti. L-atti qed jigu rinvjati lit-Tribunal Industrijali ghad-decizjoni fil-mertu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------